MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Numru 440/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Agius)**

**vs**

**Stephen Galea**

**Illum 11 ta' Gunju tas-sena 2010.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat Stephen Galea, datata s-7 ta' Mejju tas-sena 2009, li permezz taghha gie imressaq quddiem din il-Qorti talli:

Fil-5 ta' Mejju, 2009, ghal habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs in-nhar, fl-Ajruport Internazzjonazzjonali ta' Malta, il-Gudja, ikkommetta serq

ta' portmoni, flus, telefon cellulari tal-marka Nokia, u oggetti ohra ghad-detriment ta' Marcelle D' Argy-Smith, liema reat ta' serq hu aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu, (€2,329.73), u bil-persuna;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti inkluz is-*cd* immarkat Dok SG1 li anke ipprogettatu fil-presenza ta' dawk indikati fil-verbal tat-30 t' Ottubru, 2009, (ara fol 64);

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal procedura odjerna jistghu jigu sitetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi fil-5 ta' Mejju, 2009, ghall-habta tat-tlieta u kwart ta' wara nofs inhar, il-parte civile Marcelle D' Argy Smith wasslet fl-ajruport ta' Malta minn Londra u maghha jirrizulta li kellha valiggja li kienet tizen madwar ghoxrin (20) kilo u basket iehor iswed;

2. Illi l-istess parte civile ssostni li f' dan il-basket iswed kellha *'laptop'*; xi kotba; kamera tar-ritratti; portmoni u telefon cellurlari li kienet tuza Londra li kien impoggi f' but fil-genb tal-istess basket;

3. Illi l-istess parte civile ssostni li dan il-basket kien ippakkjat bl-affarijiet tant li kien tqil hafna; ma setghetx tghalqu, u kellha zzommu mic-cingi tieghu fuq iddejha;

4. Illi kif appena harget mill-parti tal-ajruport fejn jingabru l-valiggi mill-passiggieri li jkunu ghadhom kemm wasslu Malta, il-parte civile marret dritt ghall-bottegin rizervat ghat-taxijiet il-bojod, harget il-portmoni taghha li ssosstni li fih sfortunatament, kellha hafna flus – (madwar sitta (6) jew sebgha (7) mitt Ewro, u madwar mitejn (200 jew tlett mitt (300) Lira Sterlina – u ipprenotat it-taxi biex tittiehed fid-destinazzjoni li riedet;

5. Illi l-istess parte civile tiftakar bl-aktar mod car li ghal din il-prenotazjoni hi halset b' karta ta' mitt (100) Ewro, inghatat il-bqija dovuta flimkien mad-debita ricevuta, u poggiet kollox fil-portmoni taghha;

6. Illi f' dan il-mument jidher li l-parte civile iltaqghet ghall-ewwel darba mal-imputat;

7. Illi meta spiccat mill-operazzjoni tal-prenotazzjoni tat-taxi l-parte civile harget mill-ajruport timbotta l-karrell li fuqhu kienet qed iggorr il-valiggja taghha u meta waslet hdejn it-taxi li kellha tirkeb, poggiet il-basket li kellha f' idha fl-art u wara regghet irritornat il-karrell f' postu ma' l-ohrajn;

8. Illi wara li l-parte civile dahlet fit-taxi tidher li irrealizzat kemm kienet ghajjiena u peress li l-basket ma kellhiex bzommu, hi irrilassat sakemm waslet fid-destinazzjoni taghha;

9. Illi meta harget mit-taxi l-imputat ta' il-valiggja u l-basket taghha, irringrazjatu u telqghet mill-ewwel fl-appartament taghha;

10. Illi meta kienet irrikompostat ruhha hasbet li kellha tohrog, cemplet ghal taxi ta' kumpanija privata, izda peress li xtaqet thallas bil-karta ta' kreditu, meta fitxitha fil-portmoni fejn kellha din il-karta ta' kreditu ma' sabithiex;

11. Illi l-parte civile kienet certa li kienet halest ghat-taxi mill-ajruport bi flus li kienet harget minn dan il-portmoni u li kienet poggiet l-istess portmoni bil-basket taghha fuq l-affarijiet l-ohra li kien hemm fih;

12. Illi kien propju f' dan il-mument li rrealizzat li kienet insterqet;

13. Illi meta ippruvat tfittex ic-cellulari taghha biex iccempel ghall-ghajnuna sabet dan ic-cellulari nieqes ukoll ghalkemm il-kustodja tieghu instabet fil-basket taghha;

14. Illi irrealizzat li kemm il-portmoni kif ukoll ic-cellulari kienu fil-basket taghha meta dhalet Malta minn Londra kif fuq deskritt u l-uniku persuna li l-istess parte civile kellha kuntatt mieghu f' dawn il-ftit mumenti taghha f' Malta kien biss l-imputat;

15. Illi ghalhekk irrapportat l-incident lill-Pulizija;

16. Illi meta l-parte civile irritornat l-ajruport internazzjonali mill-ewwel gharfet lill-imputat mir-ritratti li giet murija mill-pulizija;

17. Illi jirrizulta li meta kienet fl-ajruport giet anke murija filmat ta' l-operat kollu fuq delineat sintetikament stante li l-ajruport hu munit b' apparat apposta ghal dan il-ghan;

18. Illi f' dan il-filmat, li anke l-qorti kellha l-opportunita' li tara flimkien mal-protagonisti ta' din il-procedura, jidher l-imputat jimpossessa ruhu mill-valiggja u l-baskett tal-parte civile minghajr din ma tidher tawtorizzah biex jaghmel dan, u wara li rritornat lejn it-taxi wara li hadet il-karrell lura f' postu minn fejn kienet haditu, sabet li l-propjeta` taghha ma kienitx fil-post fejn originarjament halliethom u deher li kien l-imputat li poggihom fil-bagoll tal-karozza minghajr ma kien preventivament ordnat jew mitlub mill-parte civile biex jaghmel dan;

19. Illi ghaldaqstant kellha necessarjament tittiehed din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi l-investigazzjoni fir-rigward kondotta mill-pulizija investigattiva, tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi fuq rapport ta' D' Argy Smith ipprezentat fl-Ghassa tal-Belt, il-pulizija bidet bl-investigazzjonijiet taghha fir-rigward ta' dan il-kaz;

2. Illi meta l-pulizja li ircieva r-rapport kellu stampa cara tal-akkadut informa bl-istess lill-min kient dovut fl-Ghassa ta' l-ajruport u inghatat bidu ghall-investigazzjoni li finalment wasslet ghal din il-procedura;

3. Illi meta gie ezaminat il-filmat tal-akkadut gie identifikat l-imputat u gie interrogat skond il-Ligi;

4. Illi fl-istess investigazzjoni tieghu l-imputat sostna in sintesi s-segwenti:

i. Illi meta l-parte civile giet moghddija lilhu bhala klijenta biex iwassalha fid-destinazzjoni taghha, din kienet qed timbotta karrell li fuqu kellha “bagalja sewda u kellha basket iehor f’ idha”, (ara fol. 28);

ii. Illi l-istess imputat isostni li kienet l-istess parte civile li ghaddietlu l-basket taghha biex izommulha qabel ma marret tirritorna l-karrell f’ postu (ara fol. 28 u frame 1232 et seq tad-Dok SG1);

iii. Illi l-imputat isostni li pogga l-istess basket fil-bagoll peress li ma jkunx irid basktijiet jitghabbew fis-*“seats”* minhabba xi hsara li tista’ ssir bihom;

iv. Illi meta l-parte civile dahlet fuq in-naha ta’ wara tat-taxi staqsiet lill-imputat fejn kien il-basket taghha u x-xufier imputat informaha li kien poggieh fil-bagol;

v. Illi jirrizulta li komplew normalment bil-vjagg taghhom sad-destinazzjoni prenotata fejn il-parte civile nizlet u hadet il-propjeta’ taghha;

5. Illi l-kollaborazzjoni tal-imputat mal-ufficjal investigattiv wasslet biss sa dan il-punt fuq indikat;

6. Illi in effetti mid-deposizzjoni guramentata tal-imputat jirrizulta li meta l-parte civile ghaddietlu il-basket taghha hi xtaqietu jpoggieh fis-*“seat”* ta’ wara biex ikun hdejha izda l-istess imputat isostni li peress li dan kien tqil ma poggiehx hemm ghaliex beza li jsirlu xi hsarat fis-*“seat”*, u ghazel minflok li jpoggieh fil-bagoll;

7. Illi jidher li qabel ma saq lejn id-destinazzjoni tieghu l-istess xufier imputat jidher li rega’ mar fil-bagoll tal-vettura tieghu ghaliex kif isostni, innota l-bieba tal-bagoll mibruma;

8. Illi meta fetah il-bagoll isostni li sab il-bieba tal-bagoll kella c-cinga tal-basket maqfula fiha u wara li ressaq ic-cinga rega ghalaq il-bagoll;

9. Illi wara effettwa t-tragitt in kwistjoni, wassal lill-parte civili fid-destinazzjoni taghha, ghaddielha l-propjeta' taghha, irringrazjatu u rritorna fil-venda tieghu fl-ajruport;

10. Illi sussegwentement baghtu ghalieh il-pulizija u eventwalment inghata bidu ghal din il-vertenza;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm fil-parti l-kbira taghhom il-versjonijiet tal-imputat u tal-parte civile jaqblu hemm cirkostanza wahda fejn dan ma jsehhx, senjatament kif il-baskett tal-parte civile ghadda ghand l-imputat biex spicca fil-bagoll;

Illi l-parte civile ssostni li hi halliet dan il-baskett fuq il-bankina tal-ajruport flimkien mal-valiggja taghha meta hi marret tirritorna l-karrell li bih garret l-istess valiggja, (ara fol. 17);

Illi da parti tieghu l-imputat isostni minflok, li kienet l-istess parte civile li ghaddietlu dan il-basket, u dan, kemm fl-istqarrija tieghu kif jidher a fol. 28, kif ukoll fid-deposizzjoni guramentata tieghu a fol. 57;

Illi effettivament, ghandu jinghad li l-versjoni tal-imputat hi suffragata mill-filmat prodott fl-atti ta’ din il-procedura stante li fih jidher car li kienet l-istess parte civile li minn idejha ghaddiet dan il-basket f’ idejn l-imputat, (ara frame 1232 et sequitur ta’ Dok. SG1);

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-sitwazzjoni kif fuq sintetikament esposta jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-valiggja u l-baskett tal-parte civile ghaddew fil-pussess u fil-kontroll tal-imputat meta l-istess parte civile marret tpoggi l-karrell li kienet uzat f’ postu kif dovut;

2. Illi l-imputat jirrizulta li kellu l-kontroll assolut tal-propjeta' tal-parte civile u dan:

i. Kemm meta dahhal l-istess oggetti fil-bagoll tal-vettura tieghu bil-parte civile l-boghod minnhu ghaliex marret tiehu l-karrell f' postu; u

ii. Kemm meta wara li l-parte civile kienet rikbet fil-vettura de quo, meta f' dak il-hin, appena qabel ma' l-imputat beda jsuq, hu mar jirranga l-bieba tal-bagoll ghaliex ra li kienet ghada mhux maghluqa sew;

3. Illi f' dawn iz-zewg cirkostanzi jirrizulta li l-imputat kellu kontroll assolut tal-bagoll, minghajr ma kellu la s-sorveljanza tal-parte civile, fl-ewwel okkazjoni ghaliex kienet il-boghod minnhu, u fit-tieni ghaliex kienet gia' riekba fil-vettura de quo u allura b' darha lejn l-azzjoni;

4. Illi inoltre, kif jirrizulta li kienet sitwata il-kamera ta’ l-ajruport li bih giet irrekordjata l-azzjoni in dizamina u pprezentata in atti, din ma setghet turi xejn minn dak li effettivament sehh fic-crikostanzi, hlief li l-imputat jidher f’ zewg okkazzjonijiet jimmanuvra wahdu fil-bagoll meta hemm gew gia’ kien hemm il-basket miftuh tal-parte civile;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta abbundantement assodat li kemm ic-cellulari tal-parte civile kif ukoll il-portmoni bil-flus fuq indikati aktar qabel go fih, kienu t-tnejn fil-baskett li f’ zewg okkazjonijiet spicca taht il-kontroll assolut u esklussiv tal-imputat;

Illi kien biss meta l-istess basket irritorna fil-pussess tal-parte civile li jirrizultaw neqsin;

Ikkunsidrat:

Illi kif irriteniet il-Qorti Kriminali (Sede ta’ l-Appell) fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil et datata s-6 ta’ Mejju, 1961, per Onorevoli Imhallef W. Harding:

*“… il-kumpless tac-cirkostanzi li jikkostitwixxu l-isfond ta’ dan il-kaz jirrendi dan il-kaz wiehed minn dawk illi ghalieh jistghu japplikaw il-kliem, mhux dejjem applikabbli f’ kazijiet ohra, li hemm fis-sentenza R. vs Taylor, 21 Criminal Appeal R. 21:*

*“Circumstantial evidence is very often the best. It is evidence of surrounding circumstances which, by undersigned coincidence, is capable of proving a proposition with the accuracy of Mathematics.”*

Ikkunsidrat:

Illi in effetti c-cirkostanzi kollha riskontrati f’ din il-procedura jindikaw bi precizjoni is-segwenti:

1. Illi sakemm il-valiggja u l-basket tal-parte civile kienu fil-pussess taghha il-portmonti, inkluzi l-flus u l-karti ta' kreditu li kienu go fih, u c-cellulari in dizamina, kienu ghadhom go l-istess basket;

2. Illi mill-mument li dawn l-oggetti tpoggew fil-bagoll tal-vettura tal-imputat li f' zewg okkazjonijiet distinti kellu l-opportunita' li jintervjeni fihom wahdu u ghall-eskluzjoni ta' kulhadd, dawn sparixxew;

3. Illi meta l-valiggja u l-basket regghu gew fil-pussess tal-parte civile dawn kienu gia` oghsfru;

4. Illi ghalhekk hu matematikament, jew ahjar, xjentifikament, assodat li l-oggetti in dizamina sparixxew mic-cirkolazzjoni meta dawn kienu taht il-kontroll esklussiv tal-imputat u meta hu biss kellu access assodat ghalihom;

Ghaldaqstant wara li ezaminat ir-rizultanzi kollha tal-kaz, tqis li l-prosekuzzjoni ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi, u konsegwentement, issib lill-imputat Stephen Galea hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261 ( c ) (d), 267, 268 ( c ), 279 (a), 280 (i), 281 (a) tal-Kap. 9 u tikkundanna lill-imputat Stephen Galea ghall-prigunerija ghall-perjodu ta' tmien (8) xhur millum;

Wara li qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz id-delikatezza tas-servizz offrut mill-imputat, kemm lejn il-parte civile u lejn il-konsumatur in generali li juzufruwixxi ruhu minn dan is-servizz, kif wkoll, b' mod aktar wiesgha, lill-istess industrija turistika li tieghu dan is-servizz hu kolonna importanti li taghjjat ghal ristrutturar legali aggornat mal-ezigenzi tallum; inkluz ukoll il-fatt li l-imputat jivvanta fedina penali nadifa;

Rat l-artikolu 28A tal-Kap 9 u tordna li l-piena ta' prigunerija inflitta tkun sospiza ghall-perjodu ta' sentejn millum;

Rat ukoll l-artikolu 28D tal-istess Kap 9 u tirrileva li fehemet lill-istess imputat bl-effetti ta' din is-sospensjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------